MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 83/1997/2

John u Gracie konjugi Pace u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2000 Gracie Pace tnehhiet mir-rikors
vs
Direttur Dipartiment tas-Sahha u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu l-Ministru tas-Sahha, Kura tal-Anzjani u Affarijiet tal-Familja u b' digriet tat-30 ta' Mejju 2000 gie korrett ghal Ministru tas-Sahha u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li giet kjamata fir-rikors b'digriet tal-20 ta' Ottubru 1998 u d-Direttur, Customer Services fil-Ministeru ghal Ghawdex li gie kjamat fir-rikors b'digriet tat-30 ta' Mejju 2000

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz ghal habta ta' Gunju 1993 huma kienu sofrew ingustizzja lampanti billi filwaqt li r-rikorrent, John Pace kien ghamel xoghol ta' Supervisor li kien xoghol oghla mill-grad tieghu, meta kienu nhargu l-applikazzjonijiet ghall-post ta'

Supervisor fid-Dipartiment tas-Sahha, huwa ma kienx gie maghzul ghal dan il-post, wara li l-istess ghazla kienet saret bl-interview.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan ir-rikors kienu s-segwenti:

Illi hu kien dahal jahdem mal-Gvern precizament fl-14 ta’ Lulju 1980 mal-Health Department bhala Labourer - Dok “A”.

Illi sussegwentement kien lahaq Messenger I fit-28 ta’ Dicembru 1989 - Dok “B”.

Illi fost ix-xogholijiet li kellu kien jissostitwixxi lis-Supervisor fil-fabbrika taz-zalzett Ghawdex, kull meta dan kien ikun vacation leave u wkoll meta kien ikun sick leave.

Illi kienet harget Cirkulari mill-OPM bin-numru 50/92 ghall-post ta’ Supervisor fid-Dipartiment tas-Sahha u hu kien applika biex jigi maghzul ghal dan il-post - Dok C.

Illi minkejja li kien resaq ghall-interview u kien jaghmilha ta’ Supervisor kif gja ntqal hu ma kienx intaghzel.

Illi presentament ghadu jaghmilha ta’ Supervisor peress li l-post ilu vakanti erba’ snin.

Illi l-fatt li qatt ma kien ha ebda rimunerazzjoni taz-zmien li kien jidhol jahdem bhala supervisor, grad li ma kienx tieghu, flimkien mal-fatt li minkejja li kellu l-esperjenza hu kien baqa’ ma ntaghzilx, hass li sofra ingustizzja.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li rriservaw li jgibu l-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghhom skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji billi jilqa’ t-talba taghhom u konsegwentament jinghataw rimedju skond il-ligi, kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust, u ghal dan l-iskop ir-rikorrent John Pace talab li jigi mgholli ghall-grad ta’ Supervisor li hu vakanti u li qieghed

jaghmel ix-xoghol hu u/jew jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal u dana taht dawk il-provvedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi. Bl-ispejjez kontra l-istess intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi preliminarjament il-Ministru tas-Sahha, Kura ta' l-Anzjani u l-Affarijiet tal-Familja ma hux legittimu kontradittur stante illi ai termini ta' l-Artikolu 181B(1) ta' l-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili l-persuna li tirrapprezenta lill-Gvern f'azzjonijiet legali hija l-Kap tad-Dipartiment ikkoncernat u cioe`, it-Tabib Principali tal-Gvern li l-anqas ma hu d-Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-Tabib Principali tal-Gvern ma hux legittimu kontradittur stante illi m'ghandux il-poter li jaghti promozzjonijiet. Dawn ta' l-ahhar jaqghu fil-mansjoni esklussiva tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-proceduri kollha mis-sejha ghall-applikazzjonijiet sa l-ghazla ta' dawk li ghandhom jinhatru huma kollha proceduri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk insindikabbli ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost logikament ix-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent fil-fabbrika taz-zalzett ma kienx awtomatikament jintitolah ghall-promozzjoni stante li din tinghata biss wara li tkun giet esegwita l-procedura kollha mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan it-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet tar-rikorrent stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

1. Illi, fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita' ta dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent, is-Sur John Pace, qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta jaghmel taht il-klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilment relatat mal-hatra ta' Supervisors fid-Dipartiment tas-Sahha wara sejha ghall-applikazzjonijiet li saret fit-28 ta' Mejju 1992. Il-Kummissjoni rrilevat dan ghall-fini ta' l-artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

3. Illi minghajr pregudizzju jinghad li ghas-sejha li kienet saret ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta' postijiet ta' Superivosr fid-Dipartiment tas-Sahha (Cirkulari ta' l-OPM Nru 50/92), kienu applikaw tliet mija u tletin (330) persuna li minnhom hamsa u sittin (65) ma kienux eligibbli, tnejn u tletin (32) ma attendewx ghall-intervista, mija u tmienja (108) ghaddew, u mija u hamsa u ghoxrin (125) wehlu mill-intervista. Ir-rikorrent kien wiehed minn dawk li wehlu.

4. Illi l-ghazla kienet saret fuq kriterji approvati mill-Kummissjoni u r-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla kien gie approvat mill-Kummissjoni fil-31 ta' Dicembru 1993.

5. Illi l-allegazzjonijiet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent ma kellhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma kienet taf xejn dwarhom.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi xehed ir-rikorrent John Pace li kkonferma l-kontenut tar-rikors. Semma li ilu mal-Dipartiment tas-Sahha ghal dawn l-ahhar tmintax-il sena u meta mar jahdem fl-1980 beda mill-ewwel fis-sausage factory li dak iz-zmien kienet fic-Citadella. Hu lahaq Messenger I fl-istess Dipartiment fl-1980. Sostna li hu kien jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel is-supervisor u infatti meta ma kienx ikun hemm l-iehor hemm kien jiehu over hu. Fl-1992 harget sejha ghall-post ta' supervisor fid-Dipartiment tas-Sahha u hu applika u mar ghall-interview l-Isptar ta' Ghawdex. Sostna li ilu jaghmel xoghol ta' supervisor mill-1980 minn meta dahal fil-fabbrika izda qatt ma thallas paga ta' supervisor ghax l-ewwel kien jithallas ta' labourer u imbaghad meta lahaq Messenger I il-paga ta' l-istess. Wara dan l-interview ma ntaghzel hadd biex jahdem ta' supervisor fis-sausage factory ghalkemm dan il-post kien battal. Kien sar supervisor wiehed u baqa' l-Isptar. Ghalkemm ma hemm ebda supervisor ix-xoghol jaghmlu hu.

Xehed Felix Grech Principal fl-Ufficcju tas-Sanita` li kkonferma li r-rikorrent ilu snin jahdem fis-Sausage Factory u ezattament minn April 1981, originarjament bhala sausage stamper. Qabel ma mar is-Sausage Factory ir-rikorrent kien fil-grad ta' Health Attendant - Group B u kien fit-taqsima tal-Public Cleansing. Meta r-rikorrent mar jahdem bhala stamper hu nizel fil-grad ta' labourer u ghalhekk spicca Group A bhala labourer. Fit-28 ta' Dicembru 1989, ir-rikorrent lahaq Messenger I u fid-9 ta' Gunju 1992 ir-rikorrent applika ghall-post ta' supervisor fid-Dipartiment tas-Sahha.
Meta r-rikorrent kien mar originarjament jahdem fil-fabbrika kien hemm gja` certu Anthony Attard li kellu grad ta' supervisor. Dan Attard irtira fl-1993. Wara dik id-data r-rikorrent baqa' inkarigat mis-Sausage Factory ghalkemm ma kien hemm xejn ufficjali dwar dan. Minn meta telaq Attard sal-lum ir-rikorrent ghadu inkarigat mis-Sausage Factory.

Xehed John Busuttil Assistant Principal Health Inspector mad-Dipartiment tas-Sahha. Dan ikkonferma li meta kien spicca s-supervisor precedenti kien ha in charge r-

rikorrent u ghalhekk ghamel sa l-1998 ‘il fuq minn erba’ snin in charge.

Xehed Mario Borg Olivier rapprezentant tac-Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li semma li dwar l-interviews li saru ghall-post ta’ Supervisor fid-Dipartiment tas-Sahha skond l-O.P.M. circular 50/92, kien hemm 330 applikant li minnhom 65 kienu ineliggibli f’termini ta’ Paragrafi 1 u 9 tas-sejha; 23 kandidat ma marx ghall-interview. Il-kandidati eliggibli l-ohra kienu intervistati f’Mejju u Gunju 1993.

Semma li r-rikorrent kien mar ghall-interview izda kien wiehed minn dawk li wehlu u esebixxa l-breakdown tal-marki li gab ir-rikorrent fl-interview. Il-bord ta’ l-ghazla kien kompost mis-Sur Michael Galea, li kien Chairman, u l-membri l-ohra kienu Paul Saliba u Anna Vella bhala rapprezentanta tal-M.P.O. Mill-kandidati intervistati kienu ghaddew 108 u kienu wehlu 125.
Mill-breakdown tal-marki li gab ir-rikorrent jirrizulta illi bhala Ability to command and to instill discipline gab 20 minn 60, esperjenza inghata 7 minn 30, Suitability and Efficiency 17 minn 40, Personality 13 minn 30, Standard of Education 12 minn 40 b’total ta’ 69 minn 200.

Xehed John Cremona Direttur Customer Services ghall-Ministeru ghal Ghawdex li semma li jekk il-call tkun harget mid-Dipartiment tas-Sahha, huwa d-Dipartiment tas-Sahha li jkollu d-dokumenti. Semma li fil-fatt ir-rikorrent xoghlu hu ta’ messaggier. Semma li fil-fatt hu thallas il-paga normali.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent fil-fatt ghamel snin twal jaghmel xoghol superjuri ghall-grad tieghu u infatti dam jaghmel dan ix-xoghol ghal snin shah. Irrizulta wkoll illi r-rikorrent kien applika in segwitu tac-cirkolari OPM 50/92 ghall-post ta’ Supervisor fid-Dipartiment tas-Sahha izda li effettivament huwa kien wehel. It-Tribunal m’ghandux informazzjoni sufficjenti halli jkun jista’ jasal li jghid illi saret ingustizzja mar-rikorrent meta fil-fatt dan ma nghatax il-promozzjoni. U dan minhabba l-fatt illi l-

informazzjoni li ghandu hija biss relattiva ghar-rikorrent u m'ghandux informazzjoni ohra. Infatti t-Tribunal gie moghti breakdown tal-marki illi gab ir-rikorrent izda dawn m'humiex f'linja ta' paragun mal-kandidati l-ohra. Dan jirrizulta minn fol 61 fejn hu gab 69 minn 200. Il-marka ta' 20 minn 60 dwar Ability to command and instill discipline tidher li fil-fatt hija zghira kif ukoll experience tidher li hija baxxa ghax 7 minn 30. Anke forsi fuq Personality tidher li l-marka ta' 13 minn 30 kienet wahda pjuttost limitata izda biex it-Tribunal ikun jista' jsib li saret ingustizzja fl-ghoti tal-promozzjoni huwa necessarju li jkollu ir-rizultati kollha haga li fil-fatt it-Tribunal ma kellux quddiemu. Ghalhekk certament it-Tribunal ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li fil-fatt saret ingustizzja meta ma nghatatx il-promozzjoni.

Irrizulta wkoll b'mod car illi effettivament ir-rikorrent ghamel snin shah jaghmel xoghol ta' livell superjuri ghall-grad tieghu.

Fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciza fl-20 ta' Gunju, 2000, dan it-Tribunal qal:

"Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita' jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero' irid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz."

Mela ghalhekk certament jirrizulta illi r-rikorrent kien haqqu kumpens.

Il-Ministru tas-Sahha, Kura ta' l-Anzjani u Affarijiet tal-Familja eccepixxa illi hu mhux il-legittimu kontradittur stante illi ai termini ta' l-Artikolu 181B ta' l-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili l-persuna li tirrapprezenta lill-Gvern f'azzjonijiet legali hija l-Kap tad-Dipartiment ikkoncernat u cioe` t-Tabib Principali tal-Gvern. Illi certament din l-eccezzjoni bilfors trid tigi

milqugha ghax il-Kodici ta' Organizazzjoni Kapitolu 12 fl-Artikolu 181B jaghmel dan *altro che* car. Ara wkoll f'dan is-sens rikors nru 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, Joseph Grech vs Prim Ministru et deciz fid-9 ta' Dicembru 1998, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali deciz fid-9 ta' Marzu 1999, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha deciz fit-28 ta' Ottubru 1999.

It-Tabib Principali tal-Gvern eccepixxa illi hu m'huwiex il-legittimu kontradittur stante illi huwa d-dover tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq promozzjonijiet. Hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li gie deciz fil-kawza fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha deciza fis-7 ta' Mejju 1998 mill-istess Tribunal u ghall-istess motivi t-Tribunal jichad din l-eccezzjoni. Bl-istess mod u ghall-istess raguni qeghda tigi michuda l-ewwel eccezzjoni fir-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-eccezzjonijiet l-ohra moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jirriferixxu ghall-promozzjoni liema talba t-Tribunal gja semma li mhix pruvata sufficjentement.

Jifdal biss ghalhekk li wiehed jara jekk il-fatti illi r-rikorrent ghamel xoghol superjuri ghall-grad tieghu ghandux jigi kkumpensat kif fil-fatt gie aktar 'il fuq ritenut li iva u ghalhekk it-Tribunal wara li jichad l-eccezzjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern u tal-Customer Services fil-Ministeru ta' Ghawdex u peress li jsib l-ilment gustifikat dwar xoghol superjuri u peress li f'dan il-kaz it-Tribunal ma jistax jordna rimedju kumpensattiv jordna kumpens biex jithallas nofs bin-nofs mit-Tabib Principali tal-Gvern u mill-Customer Services fil-Ministeru ta' Ghawdex fl-ammont ta' Lm800 kull wiehed minnhom u cioe` fl-ammont totali ta' Lm1600 favur ir-rikorrent.

Spejjez tal-kawza kontra l-intimati Tabib Principali tal-Gvern u d-Direttur Customer Services fil-Ministeru ta' Ghawdex.

---------------------------------TMIEM---------------------------------